MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru. 351/2005

Il-Pulizija
(Sp Sandro Zarb u Sp Jason Agius)
vs
Dr. Mark-Anthony Sammut, iben Francis Xavier, imwieled Attard fit-2 ta' Ottubru, 1973

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' April, 2005 u matul dawn l-aħħar xhur, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:
1. mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, żamm f'xi fond arma tan-nar tal-marka MAB Brevete semi-automatic hammerless u/jew munizjon;
2. mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, arma

tan-nar tal-marka MAB Brevete semi-automatic hammerless u/jew munizjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;
3. meta ġie fil-pussess tal-arma tan-nar tal-marka MAB Brevete semi-automatic hammerless u/jew munizjon b'xort'oħra milli b'liċenzja, naqas milli minnufihjagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija;
4. talli fit-23 ta' April, 2005, għal habta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs inhar ġewwa l-bini tal-ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja, daħħal jew żamm f'żona ristretta, mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-manager -tas-sigurta' tal-ajruport, armatal-marka tan-nar MAB Brevete semi-automatic hammerless u/jew munizjon;
5. talli fit-23 ta' April, 2005, għal ħabta tas-siegha neqsin kwart ta' wara nofs inhar, ġewwa l-bini tal-ajruport Internazzjonali ta' Malta, Gudja mingħajr awtorita' leġittima jew skuża raġonevoli kellu fil-pussess tiegħu oġġett li għalih japplika l-artikolu 25 tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta u cioe' arma tan-nar tal-marka MAB Brevete semi-automatic hammerless u/jew munizjon;
Fuq talba tal-kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud –
6. talli fit-23 ta' April, 2005, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, nstab li xjentement kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu pistola tal-marka MAB Brevete semi-automatic hammerless, tal-kalibru 6.35 mm, kif ukoll ħames (5) live round bullets, kalibru 6.35 mm, li l-importazzjoni, il-pussess u l-esportazzjoni ta' l-oġġetti hawn fuq imsemmija huma projbiti u/jew ristretti, Dawn għandhom valur totali ta' Lm50.50 u dazju ta' Lm3.37,3 liema dazju ma kienx ġie mħallas u/jew kawtelat u li fuqhom kellha titħallas ukoll it-taxxa fuq il-valur miżjud liema taxxa tammonta għal Lm9.69,7 u li din it-taxxa ma ġietx imħallsa u/jew kawtelata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex, skond l-artikolu 27 ta' l-Att dwar Sigurta' fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili, jittieħdu passi kriminali kontra l-imputat.

Rat il-'Letter to Prosecute' maħruġa mill-Kummissarju tal-Vat tat-2 ta' Mejju, 2005.

Rat il-'Letter to Prosecute' maħruġa mill-Kontrollur tad-Dwana tat-2 ta' Mejju, 2005 u is-'seizure note' relative.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-8 ta' Awwissu, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –
a. fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u fl-artikoli 2,3,9 u19 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta; u
b. fl-artikoli 15, 17 u 25 tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-nota eżebita mill-imputat fl-20 ta' Mejju, 2008.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fit-23 ta' April, 2005 l-imputat mar l-airport biex jieħu titjira għal Londra li kellha titlaq fis-1.05 p.m. Wara ċ-'check in' u kif inhi l-prassi hu daħal fil-parti fejn isir l-kontroll fuq il-'hand luggage'. Hu għadda l-'hand luggage' mill-'X-ray machine' u l-uffiċjali tas-sigurta' raw fuq il-monitor oġġett simili għal pistola fil-'hand luggage' tiegħu. L-imputat intebaħ li l-'hand luggage' tiegħu kien wieqaf u ħaseb li kien hemm problema bil-basket tal-għarusa tiegħu. F'daqqa waħda ntebaħ li dak li kienu qed jaraw kienet il-pistola tiegħu. Fil-fatt, hu mal-ewwel ġibed l-attenzjoni li dik kienet pistola.

Kienet tiegħu u biex joqgħodu attenti. Il-pulizija ġiet imsejħa fuq il-post u arrestaw lill-imputat.

Illi jirrizulta li l-imputat irilaxxa l-ewwel stqarrija tiegħu ftit wara li ġie arrestat u cioe' fis-1.40 p.m. tat-23 ta' April, 2005. Hu kkonferma li dik il-pistola u il-munizzjon ġo fiha kienu tiegħu. Hu kkonferma li dik il-pistola kien igorrha fuqu regolarment u fil-fixkla kien nesa jhalliha d-dar.

Illi dawn huma l-fatti fis-sempliċita' tagħhom iżda l-imputat kemm fl-istqarrijiet tiegħu kif ukoll fix-xhieda li hu offra f'din il-kawża spejga x'wassal biex jieħu
l-pistola l-airport.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-19 ta' Marzu, 2002, l-imputat li hu nutar, ippublika kuntratt fejn Cristino Muscat biegħ fond urban f'Ħaż-Żebbuġ lis-soċjeta' Iklin Limited. L-azzjonisti ta' din is-soċjeta' huma Rosaria Xuereb u Noel Xuereb. Wara rrizulta li l-bejgħ ma setgħax isir għaliex il-venditur kien qarraq bis-soċjeta' kompratriċi. Konsegwenza ta' dan il-bejgħ infetħet kawża min-naħa tal-mara ta' Cristino Muscat biex tirrexindi l-kuntratt tal-bejgħ bejn żewġha u din is-soċjeta'. Kif sar jaf b'dan il-fatt l-imputat kiteb lill-pulizija biex jieħdu passi kriminali kontra Cristino Muscat. Jirrizulta li Cristino Muscat kien instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati u ġie mogħti sentenza sospiża.

Illi konsegwenza ta' dan, Noel Xuereb wasal għal konkluzjoni li l-imputat, jiġifieri n-nutar, kellhu x'jaqsam ma din il-frodi u daħħalha f'rasu li l-imputat kellhu jagħmel tajjeb għal dan. Għalhekk, bdew sensiela ta' nkontri. L-imputat ma kienx komdu għaliex kien jaf li Noel Xuereb u il-familja tiegħu kellhom ċerta fama f'Ħaż-Żebbuġ li ma kinitx mill-aħjar. Għall-ewwel il-laqgħat kienu ċivili iżda f'mument partikolari Noel Xuereb beda jċempel spiss u kien insistenti sakemm darba minnhom ċempillu fuq il-mobile u hedded li joqtol lin-nutar.

Illi fil-5 ta' Mejju, 2004 is-soċjeta' Iklin Limited bagħtet ittra uffiċjali lill-imputat fejn tablet il-likwidazzjoni u il-ħlas tad-

danni. In-nutar min-naħa tiegħu rrespinġa t-talbiet tas-soċjeta' hawn fuq imsemmija.

Illi kien hemm 'escalation' ta' dawn il-fatti tant li l-imputat kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija, b'kopja lill-Avukat Ġenerlai, għall-protezzjoni skond l-artikolu 13 tal-Kapitolu 55 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-ittra ġġib id-data tad-29 ta' Settembru, 2004.

Il-minaċċi lill-imputat tant saru gravi li hu kellu jbiegħ l-uffiċċju tiegħu ta' Ħaż-Żebbuġ għaliex ma kienx iħossu sigur bil-lejl meta jiġi biex joħroġ minn hemm. L-Uffiċċju tiegħu l-Belt, Valletta kien fi Triq l-Ifran in-naħa ta' fuq iżda hemmhekk ukoll ma tantx hemm dawl bil-lejl. Ma kinitx l-ewwel darba li Noel Xuereb kien ta x'jifhem lin-nutar li kien ser jistennieh barra l-uffiċċju. Għas-sigurta' tiegħu n-nutar kien jipparkja l-karozza tiegħu viċin l-uffiċċju iżda f'zona projbita. Spiċċa li qala numru ezagerat ta' ċitazzjonijiet u minkejja dan baqa' jipparkja fil-viċin ta' l-uffiċċju.

Illi l-pulizija kien bagħtu għan-nutar iżda, skond ix-xhieda tiegħu, ma ħassux li kienu qed jagħtuh il-protezzjoni neċessarja. Jirrizulta li n-nutar kien kiteb darb'oħra lill-Kummissarju tal-Pulizija iżda b'eżitu li ma kienx ta' serħan il-moħħ għalih.

Illi f'Jannar, 2005 l-imputat ta appuntament lill-avukat ta' Noel Xuereb iżda Noel Xuereb ġie ma l-istess avukat kontra l-volonta' espressa mill-imputat li Xuereb ma jkunx preżenti għal din il-laqgħa. Ħin minnhom Noel Xuereb hedded li kien ser joqtlu. Dak il-ħin in-nutar għamel żewġ telefonati, waħda lill-avukat tiegħu u l-oħra lill-avukat ta' Cristino Muscat. Iż-żewġ professjonisti xehdu f'din il-kawża u it-tnejn iddeskrivew it-telefonata li rċevew rispettivament bħala waħda li ma tagħmilx sens u ta' persuna agitata ħafna.

Illi konsegwenza ta' dan kollu l-imputat beda jipporga d-demm u spiċċa li kellu jiġi operat, kif irrizulta mill-provi prodotti. Dawn il-fatti kien l-kawża prinċipali tal-problemi tas-saħħa, fosthom ta' pressjoni għolja li għal ftit ma bagħtex lill-imputat id-dinja l-oħra, ta' l-imputat u dan kif

jirrizulta ampjament spjegat mit-tobba li xehdu fil-mori ta' din il-kawża.

Illi fiż-żmien ta' dawn il-fatti l-imputat kien qed igħix ma mara ta' nazzjonalita' barranija li xehdet li minn mindu bdew dawn il-problemi l-imputat imbidel kompletament. Beda jaġixxi ta' persuna mhux normali, iqum bil-lejl jara jekk wara l-purtieri jew fid-dar kien hemm xi ħadd. Kellhu nuqqas ta' memorja u kien jaġixxi b'mod stramb. Konsegwenza ta' kif kien qed iġib ruħu din il-persuna telqet lill-imputat u marret taħdem barra minn Malta iżda hi ġiet il-Qorti biex toffri x-xhieda tagħha u tispjega minn x'kien qed igħaddi l-imputat.

Illi persuna li ma ġietx identifikata tat lill-imputat pistola u munizzjon biex ikun jista' juża f'każ ta' neċessita'. L-imputat xehed li din l-arma kien iġorrha miegħu fil-basket għal skop ta' difiża biss għaliex ma kellhu ebda intenzjoni li jmur ifittex lil Noel Xuereb. Dak iż-żmien kien għadu kif qatlu lill-Avukat Grech u għalhekk l-imputat kellu biża kbira li seta' jiġrilu l-istess.

Illi fil-ġurnata ta' l-inċident meritu ta' din il-kawża l-imputat kellu ġurnata pjuttost impegnattiva. Dak iż-żmien l-imputat kien qed jaħdem program fuq ir-radio ta' tlett darbiet fil-ġimgħa li kien ikun 'live'. Billi kien ser ikun imsiefer għal ġimgħa kellhu jagħmel 'recording' ta' sensiela ta' programmi biex waqt li jkun imsiefer il-programm jibqa għaddej. Dak in-nhar li kellhu jsiefer, fil-għodu, kien l-istudio jħejji l-programm. Ġara li r-'recording' ħa ħin aktar milli suppost u kien għalhekk li spiċċa mar id-dar tard. Mill-Marsa mar sa tas-Sliema, daħal id-dar tefa' xi ħwejjeġ fil-bagalja u xi affarijiet fil-basket biex ikun jista' jaqra waqt li jkun fuq din il-btala. Hu xehed li nesa għal kollox il-pistola li kellhu fil-basket. Fil-fatt, l-imputat wasal fl-aħħar ħin u kien l-aħħar żewġ passiġieri li għamlu c-'check in' għat-titjira lejn Gatwick, Londra. Imbagħad waqt li kien qed igħaddu mis-'security' ġara dak li ntqal aktar 'il fuq u cioe' li sabu l-arma fil-basket ta' l-imputat.

Illi mill-istqarrijiet li rrilaxxa lill-pulizija hu mal-ewwel spejga dak li ġara u għaliex kien qed iġorr din l-arma.

Illi fl-atti ta' din il-kawża ġew eżebiti ittri li l-imputat kiteb biex ifittex protezzjoni mill-pulizija iżda hu ħass li l-pulizija ma kienux qed jagħtu widen lit-talba tiegħu u għalhekk spiċċa li arma ruħu fil-mument ta' 'stress' qawwi li kien qed jinsab fih.

Illi kif jirrizulta mill-atti ta' din il-kawża, mix-xhieda tat-tobba li eżaminaw lill-imputat, li operawh u mid-dokumenti eżebiti, dak kollu li ġarrab l-imputat dwar saħtu kien kawżat mill-minaċċi subdoli u kostanti li kienu qed jagħmlu l-familja Xuereb bl-użu anki ta' terżi persuni. Dawn min-naħa tagħhom kienu qabdu avukat biex jieħu ħsieb l-interessi tagħhom iżda min-naħa l-oħra ma ddejqu xejn jieħdu l-inizzattiva waħedhom biex isolvu l-vertenza malajr u kif riedu huma.

Illi l-abbli avukat ta' l-imputat hu tal-fehma li hawn jikkonkorri l-kunċett deskritt bil-lingwa ngliza bħala ' coercion'. Fil-fatt, dan il-kunċett jinsab fil-Kodiċi Kriminali tagħna fl-artikolu 33(b). Biex din id-difiża tista tiġi milqugħa għandhom jikkokorru tlett elementi. Dawn huma elenkati mill-Prof. Sir Anthony Mamo fl-ewwel volum tan-noti tiegħu fuq id-dritt penali. Fl-ewwel lok, il-ħsara jew il-perikolu għandu jkun imminenti. Fit-tieni lok, il-ħsara jew il-biża hija akbar mill-ħsara li jkun ser titwettaq bil-ksur tal-liġi da parti ta' l-imputat. Fit-tielet lok, l-imputat ma setgħax jevita dan il-fatt ħlief billi jikkometti att kontra l-liġi.

Illi mill-provi prodotti ma hemmx dubju li l-imputat jissodisfa dawn it-tlett kondizzjonijiet mix-xhieda prodotta fl-atti ta' din il-kawża. Ma hemm ebda dubju li l-arma kienet fil-pussess ta' l-imputat. Id-domanda li tqum hu x'ġiegħel lill-imputat li jieħu miegħu l-arma l-airport. Zgur li ma kienx ser jiltaqa ma Noel Xuereb. Kien lapsus ċar da parti ta' l-imputat li tant kien imfixkel li ma ftakarx li kellu l-arma ġewwa l-basket tiegħu. Dan in-nuqqas ta' ħsieb hu frott ukoll tal-pilloli li kien qed jieħu li kienu qed jagħmlu aktar ħsara milli ġid. Dan ġie spejga ampjament mit-tobba li xehdu fuq il-kondizzjoni medika ta' l-imputat u l-effetti li

kien qed iħallu fuqu t-teħid ta’ dawn il-farmaċi.  Jirrizulta wkoll li l-imputat dejjem konsegwenza tat-teħid ta’ dawn il-pilloli kien qed jirreaġixxi f’manjiera stramba, kemm id-dar bil-fissazzjonijiet tiegħu, kif ukoll waqt l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu.

Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-12 ta’ Ġunju, 2003 fl-ismijiet: ‘Il-Pulizija v Joseph Gauci’ (per S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano) ġie deċiż li: “…biex ikun hemm tali theddid is-suġġett attiv irid ikun qed jipprospetta … xi forma ta’ ħsara nġusta fil-futur (anki jekk fil-futur immedjat) lis-suġġett passiv.  Huwa veru li ma hemmx għalfejn li l-ħsara prospettata tkun determinata fis-sens li jiġi indikat b’xi grad ta’ preċizjoni l-interess, ġuridikament rilevanti, tas-suġġett passiv li jkun qed jiġi minaċċat; u f’dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jgħid: “…e’ sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita’ della persona a cui e’ rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: ‘ti faro’ vedere di che cosa sono capace”.  Pero’ dan it-turabament dejjem irid ikollu xi bażi oġġettiva.”

Sentenza oħra li tiċċara l-kunċett ta’ intimidazzjoni hi dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta’ ġunju, 1958 fl-ismijiet: ‘Il-Pulizija v Agatha Barbara et’ (per l-Onor. Imħallef W. Harding) fejn qal:
“… taħt il-liġi tagħna, l-interpretazzjoni tal-kelma ‘intimidazzjoni’ ma toffrix diffikulta’; għar-raġuni li dan ir-reat hu definit mill-liġi stess bħala l-att ta’ min jikkaġuna fil-moħħ ta’ xi persuna biża raġjonevoli ta’ ħsara lilu jew lil xi ħadd tal-familja tiegħu; u hu biżżejjed li min jintimidixxi jdaħħal fil-moħħ tal-intimidat dik l-apprenssjoni ta’ perikolu jew ta’ dannu jekk ma jagħmilx dak li jkun qiegħed jgħidlu biex jagħmel min ikun qiegħed jintimidieh … l-intimidazzjoni, jikkonsisti filli wieħed jikkaġuna l-apprensjoni tad-dannu, u mhux fl-effikaċja tal-intimidazzjoni, u avvolja l-effett ta’ l-intimidazzjoni ma javverax ruħu, ir-reat kien ġja kunsmat, għax mhux neċessarju li min jintimidixxi jkun irraġunġa l-iskop tiegħu.”

Mhemmx dubju li dawn iż-żewġ sentenżi joħorġu fil-beraħ dak li effettivament kien qed isofri l-imputat.  L-

intimidazzjoni u il-minaċċi kienu tali li ma kienux qed iħalluh jirraġuna u dak li kien qed jagħmel kien a skop tad-difiża tiegħu għaliex hu kien konvint li Xuereb f'xi ħin jew ieħor mill-kliem kien ser jgħaddi għall-fatti.

Illi għandu jiġi rilevat li llum il-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sostitwit bil-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta iżda fid-dispożizzjonijiet transitorji hu ndikat li f'dan il-każ għandu jiġi segwit il-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minn eżami tal-proviso ta' l-artikolu 3(1A) tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta hu ċar li tali benefiċċju għandu jiġi applikat għall-imputat minħabba l-fatt li hu kellu l-pussess ta' din l-arma għal raġunijiet ta' difiża personali u għalhekk mhuwiex passibbli ta' ebda piena taħt il-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-imputat ġie akkużat ukoll ta' ksur ta'l-artikoli 15, 17 u 25 tal-Kapitolu 405 tal-Liġijiet ta' Malta.  Fl-ewwel lok, l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda regolament li bih din il-Qorti tista' tasal għal hekk imsejjaħ 'zona ristretta' li hi msemmija fl-artikolu 15 ta' dan il-Kapitolu tal-Liġijiet ta' Malta.  L-artikolu 25 jispeċifika li ebda arma ma tista' tidħol fl-ajruport.  Hawn għandu jiġi rilevat li għal dawn it-tipi ta' reati għandu jkun hemm l-intenzjoni preżenti bħala element tar-reat.  Mill-provi prodotti jirrizulta ċar li l-imputat ma kellu ebda intenzjoni li jieħu l-arma l-ajruport u ferm u ferm inqas li jitla fuq l-ajruplan fil-pussess ta' din l-arma. L-aġir ta' l-imputat ma jagħmel ebda sens għal min sejjer fuq btala l-Portugall billi din kienet id-destinazzjoni finali tiegħu u tal-għarusa tiegħu.

Illi hawnhekk għandna sitwazzjoni li jekk tiġi applikata l-liġi mingħajr ma wieħed jieħu kont ta' dak li kien qed jiġri lill-imputat naslu għal konkluzjoni li għandha tinsab ħtija ta' persuna li hi moralment innoċenti.  Li f'dan il-każ din il-Qorti tasal biex jikkundanna u teroga piena għal min ma ħaqqhux tkun qed tagħmel inġustizzja.  Dawn il-kunċetti huma spjegati sew fi ktieb li jġib l-isem 'Appraising Strict Liability'  ta' A.P. Simester (editur) publikat mill-Oxford University Press (2005).  Dan il-ktieb jiġbor fih il-ħsieb ta'

diversi studjużi fil-qasam legali proprju f'każijiet bħal dan in eżami.

Illi għal dak li jirrigwarda l-akkużi tal-VAT u tad-Dwana l-Avukat Ġenerali ma ndika ebda artikoli tal-liġi u għalhekk tali akkużi għandhom jiġu konsiderati li ġew irtirati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għahekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------